Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VI/42*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 42 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar l-Erbgħa 30 ta' Novembru, 2011 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Renance Vella Aquilina | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Introduzzjoni.

Din il-laqgħa kellha ssir nhar il-Ħamis 24 ta' Novembru iżda ġiet posposta għal-lum. Is-Sindku talab skuża peress li kellu jipposponi l-laqgħa għal raġunijiet ta' mard fil-familja. Huwa irringrazzja lill-membri kollha tal-koperazzjoni tagħhom. Il-membri kollha wrew solidarjeta' mas-Sindku.

## 3. Qari u approvazzjoni tal-Minuti.

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 4. Mill-Minuti

4.01 **Paragrafu 5 - Bidu tax-xogħol ta' bankina fi Triq il-Fanal –** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa u s-Segretarju Eżekuttiv kienu iltaqgħu fuq il-post mal-Inġinier tal-Enemalta Co fejn ġie diskuss kif għandu jsir ix-xogħol. L-Inġinier informa lill-Kunsill li bħalissa l-Enemalta m'għandhomx arbli. Is-Sindku kien ippropona biex il-cables tad-dawl jgħaddu minn taħt l-art. L-Enemalta Co lesta li tgħaddihom taħt l-art iżda l-ispejjeż kollha b'konnessjoni mat-tqegħid tal-cables iridu isiru mill-Kunsill. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jidħol f'aktar spejjeż u għalhekk ikun aħjar li nistennew li l-Enemalta Co iġġib l-arbli u wara niproċedu bix-xogħol tal-bankina.

4.02 **Paragrafu 7 - Bdil fil-ħin tal-ġbir tal-iskart domestiku –** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma’ Laurie Zammit u Anthony Mintoff (li dehru f’isem il-KIP Għawdex Ltd) fejn ġiet diskussa l-problema li għandna dwar il-ħin tal-ġbir tal-iskart domestiku. Matul din il-laqgħa sar qbil li l-ħin tal-ġbir tal-iskart għandu jinbidel u għalhekk se jibda jkun fis-7.30am flokk fis-7.00am. Dawn il-ħinijiet ser jidħlu fis-seħħ mill-bidu ta’ Jannar 2012. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu avviżi sabiex ir-residenti jkunu nformati b’dan it-tibdil.

4.03 **Paragrafu 9 - Servizz tal-Posta mill-Uffiċċju tal-Kunsill** – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni mal-Maltapost biex jingħata s-servizz ta’ posta mill-Uffiċċju tal-Kunsill kienet saret u issa qed nistennew minn naħa tal-Maltapost biex imexxu l-istess applikazzjoni. Is-servizz ser ikun jista’ jingħata mis-Segretarju Eżekuttiv, mil-librara Marvic Attard Briffa u minn Stephen Moon (li qiegħed jaħdem mal-Kunsill taħt l-iskema tal-ETC – Xogħol fil-Komunita).

4.04 **Paragrafu 10 - Programm M125 –** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet saret l-applikazzjoni għal fondi taħt il-programm tal-EU li jissejjaħ M125. Kif kien ġie diskuss fl-aħħar laqgħa, il-Kunsill applika għal Triq Gallina, Triq Ta’ Kanġla u Triq Wied Sara, f’din l-ordni għar-raġuni li Triq Gallina hija l-aktar triq li għandha bżonn li titranġa. Dwar Triq Ta’ Gedlin, il-Kunsill kien infurmat li din hija privata u għalhekk ma setgħetx tkun inkluża ma’ din l-applikazzjoni.

4.05 **Paragrafu 11.02 –** Dwar ir-restawr tal-istatwi ta’ fuq iz-zuntier, is-Sindku qal li kien talab stima tax-xogħol meħtieġ lil Victor Cini.

**5. Korrispondenza**

5.01 Memo 104/2011 – Mistoqsija Parlamentari Numru 29066
5.02 Memo 105/2011 – Konferenza – Building Together Sustainable Localities
5.03 Memo 106/2011 – Kuntratti fuq il-Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq
5.04 Memo 107/2011 – Mistoqsija Parlamentari Numru W449
5.05 Memo 108/2011 – Mistoqsija Parlamentari Numru W450
5.06 Memo 109/2011 – Mistoqsija Parlamentari Numru W451
5.07 Memo 110/2011 – Mistoqsija Parlamentari Numru W454
5.08 Memo 111/2011 – Konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali rigward ‘Noise Pollution’.
5.09 Memo 112/2011 – Konġestjoni ta’ traffiku (Servizz tat-Trasport Pubbliku)
5.10 Memo 113/2011 – Mistoqsija Parlamentari Numru 30096
5.11 Memo 114/2011 – Taħriġ għal Ideat Innovattivi fl-Applikazzjonijiet tal-Proġetti Kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea
5.12 Memo 115/2011 – Mistoqsija Parlamentari Numru 30429
5.13 Memo 116/2011 – Talbiet mill-Kunsilli Lokali għal sef mill-Bank
5.14 Memo 117/2011 – Skema Nazzjonali ta’ għajnuna għal min hu fil-bżonn – Aġenzija għall-Pagamenti, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (din il-Memo tikkonċerna lill-Kunsilli Lokali ta’ Malta biss).

5.15 Alexia Maria Sultana mill-Uffiċċju tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali nfurmat lill-Kunsill li l-Onor. Dr Chris Said ser iżur l-uffiċċju tal-Kunsill ta’ L-Għasri nhar il-Ħamis 22 ta’ Diċembru. Ms Sultana talbet informazzjoni dwar proġetti li jista’ jmur jara l-Onor. Dr Said dak in-nhar taż-żjara tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna mmorru fi Pjazza s-Salvatur u Triq Dun Karm Caruana fejn sar il-proġett ta’ bini mill-ġdid tat-triq inkluż il-bankini. Għal dan il-proġett

il-Kunsill kien ingħata wkoll fondi speċjali mis-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel ukoll li mmorru fi Triq il-Fanal, fejn il-Kunsill diġa ħareġ sejħa għall-offerti biex jibda l-proġett ta' bini mill-ġdid ta' parti minn din it-triq. Il-Kunsill applika wkoll għall-fondi speċjali għal dan il-proġett u għadu qed jistenna risposta dwar l-applikazzjoni tiegħu.

**6. Rapport Annwali Amministrattiv 2010**

Dan id-dokument kien intbagħat lill-membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport li ġie approvat unanimament.

**7. Rapporti Finanzjarji ta' kull kwart**

Ir-rapporti finanjzarji ta' kull kwart li kienu jkopru minn Jannar sa Settembru 2011 kienu intbagħtu lill-membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta dawn ir-rapporti finanzjarji u ġew approvati unanimament.

**8. Tiġdid ta' offerti**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-offerti hawn taħt imniżżla kienu kollha se jagħlqu fil-31 ta' Diċembru 2011:-

'Services to the Council' – A&E Mintoff
Tindif ta' Latrina Pubblika – Maria Attard
Tidif ta' toroq – Godfrey Borg
Ġbir ta' Skart Godd – Godfrey Borg

Dawn il-kuntratti jistgħu jiġġeddu għal sena oħra. Il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratti kollha għandhom jiġġeddu għal sena oħra bl-istess kundizzjonijiet u għalhekk ikunu jagħlqu fil-31 ta' Diċembru 2012.

**9. Problema tal-ilma tax-xita fi Sqaq San Pupulju**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien mar mal-Perit Angelo Portelli fuq il-post. Il-Perit għamel survey u għandu jagħmel rapport dwar x'jista' jsir dwar il-problema tal-ilma tax-xita. Għalkemm ir-rapport għadu mhux lest, il-Perit informa lis-Sindku li l-problema tista' tissolva billi parti mit-triq (sqaq) tiġi livellata b'tali mod li tkun taqleb lejn il-wied u b'hekk l-ilma tax-xita jibqa' sejjer l'hemm. Is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill joħroġ sejħa għall-offerti biex ix-xogħol meħtieġ ikun jista' jsir. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk kif il-Perit jagħmel ir-rapport u d-dokumenti tal-offerta, tkun tista' tinħareġ sejħa għall-offerti.

**10. Attivitajiet tal-Milied**

Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivitajiet li għandhom jiġu organizzati fi żmien il-Milied. Bħalma sar fis-snin preċedenti l-Kunsill qabel li jiġu organizzati tlett attivitajiet. L-ewwel attivita jkun mistieden kulħadd u ssir nhar it-Tlieta 27 ta' Diċembru fis-sala parrokkjali. L-Erbgħa 28 ta' Diċembru jiġi organizzat festin għat-tfal li jsir fis-sala tal-Museum. Il-Ħamis 29 ta' Diċembru tittella' attivita fis-sala parrokkjali u għaliha jkunu mistiedna l-anzjani. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol kollu meħtieġ, nordnaw u nixtru l-affarijiet li jkun hemm bżonn biex dawn l-attivitajiet ikunu jistgħu jsiru. Il-Kunsill qabel ukoll li l-entertainment għal festin tat-tfal għandu jiġi provdut minn Jump Malta (Maria Homoki) filwaqt li l-ikel għal dan il-festin u l-attivita tal-anzjani se jiġi provdut minn Charles Azzopardi.

Kif sar dan l-aħħar snin, il-Kunsill qabel li Pjazza s-Salvatur għandha tiġi mżejna għal żmien il-Milied. Għal dan il-għan inġabru tlett stimi u li huma ta' Chris Gauci (€695), ta' Peter Paul Azzopardi (€895) u ta' Micho Lighting (€699). Il-Kunsill iddiskuta dwar dawn l-istimi u qabel li għandu jaċċetta l-aktar stima vantaġġjuża li hija ta' Chris Gauci.

Il-Kunsill kien staqsa lill-Kappillan jekk il-Kumitat tal-Armar tal-Festa jistax jarma Triq Dun Karm Caruana fi żmien il-Milied kif sar fis-snin preċedenti. Il-Kappillan Rev Edward Xuereb wieġeb li minn naħa tal-Kumitat tal-Armar jistgħu jidħlu għal din il-biċċa xogħol u li l-ispejjeż involuti huma ta' €815. Il-Kunsill qabel li l-Kumitat tal-Armar tal-Festa għandu jarma Triq Dun Karm Caruana fi żmien il-Milied.

**11. Laqgħa Pubblika, Budget 2012 u Business Plan 2012-2014**

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li qabel tintemm is-sena rridu nsejħu l-laqgħa pubblika fejn il-pubbliku jkun jista' jwassal is-suġġerimenti/ilmenti tiegħu u jiġu diskussi l-Budget 2012 u l-Business Plan 2012-2014. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa pubblika għandha ssir nhar it-Tlieta 20 ta' Diċembru 2011 fis-6.00pm. Ser isiru l-avviżi biex ir-residenti jkunu mgħarfa bid-dettalji ta' din il-laqgħa.

**12. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 6-42 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**13. Materja oħra**

13.01 Pauline Abela ta' 8, Triq Diċembru, ir-Rabat, talbet lill-Kunsill biex issir bankina mal-post ġdid tagħha li jinsab fi 'La Vecca Villagar', Triq il-Knisja, L-Għasri.

13.02 Il-Kunsill irċieva diversi lmenti dwar ħitan tas-sejjieħ li waqgħu bil-maltempata li kien hawn ftit tal-jiem ilu. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ biex jitneħħa kull periklu u jitranġaw il-ħitan u passaġġi li hemm bżonn.

13.03 Il-Viċi Sindku ppropona biex teħel tabella li tindika li t-triq ma tinfidx fi triq faċċata tal-ġibjuni fi Triq L-Għasri. Il-Kunsill qabel li nordnaw din it-tabella għand l-MSD peress li Triq L-Għasri hija triq arterja.

13.04 Il-Viċi Sindku ppropona sabiex isiru sinjali sofor f'parti żgħira minn Triq Ta' Għammar. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tlieta 20 ta' Diċembru, 2011 fis-6.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-8.45p.m.

Andrew Vella
Sindku

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv